**KUNSILL LOKALI**
**SANTA VENERA**

**SANTA VENERA**
**LOCAL COUNCIL**

**50/19**

**Il-ħamsin (50) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-11 ta' Frar, 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata:
    a. Quarterly Report Ottubru 2015 – Diċembru 2015
    b. Financial Statements 2015
    c. Tenders: **SVLC/T/07/2015** - Transport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani.
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-6.35 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti tat-49 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tat-48 Laqgħa**

2.2.1 **Minuta 4.1**- tinbidel il-kelma "ipproporna" u ssir "ippropona"

2.2.2 **Minuta 4.4** – tinbidel il-kelma "tlett" u ssir "tliet" u tinbidel il-kelma "xoġġol" u ssir "xogħol".

2.2.3 **Minuta 7 (d)(i)** – titneħħa "is-Sur Jonathan Brimmer" u issir "is-Sur Horace Anastasi".

**3.1. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-48 Laqgħa**

3.1.1 **Minuta 4.4** – Is-Sindku nforma lill-membri li x-xogħol tad-dawl li kellu jsir fil-ġnien tlesta.

3.1.2 Minuta 7(a) – Is-Sindku rrimarka li l-proġett tal-BOV it-tardja fil-pass li ~~minħabba xi mistoqsijiet li saru minn~~ Heritage Malta. kienu qed janalizzaw l-ahluwata.

**4 Korrispondenza**

**4.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar l-iskema tal-Life Long Learning fejn il-Kunsill jista' japplika sal-15 ta' Frar, 2016 sabiex fil-lokalitajiet isir taħriġ fuq diversi suġġetti. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex japplika għal taħriġ bażiku tal-lingwa Maltija biex b'hekk inkomplu minn fejn bdejna is-sena l-oħra.

Il-Membri qablu unanimament.

**4.2** Is-Sindku nforma lill-membri dwar Memo 06/2016 – fejn qed jintalab sabiex,il-Kunsilli Lokali li għandhom il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart li jaħbtu mal-ħinijiet tar-*rush hour* hekk kif deskritt, huma mitluba jbiddlu tali ħinijiet f'ħinijiet fejn ikun hemm inqas traffiku u nies fit-toroq, dejjem jekk dan huwa legalment possibbli skont il-kuntratt eżistenti. Is-Sindku rrimarka li fil-preżent diga' qed nevitaw ir-*rush hour*.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament li l-ħin tal-ġbir tal-iskart għandu jibqa' kif inhu.

**4.3** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat qiegħed jerġa' jniedi l-inizjattiva ta' laqgħat ġewwa l-Kunsilli Lokali f' Malta u Għawdex għall-Għaqdiet Volontarji. fejn qegħdin jistiednu l-Kunsilli Lokali biex flimkien mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jorganiżżaw laqgħa ta' nformazzjoni għall- Għaqdiet Volontarji, ġewwa kull lokal biex flimkien niddiskutu s-servizzi li joffri l-Kunsill u b'hekk jkollhom l- opportunita li jsemmgħu l-vuci u d-diffikultajiet li jsibu.

Il-Membri qablu unanimament

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar ittra li l-Kunsill irċieva mingħand Giuseppe Rubina li għandu l-ħanut "Il Piacere della Focaccia" fi Triq il-Kbira San Guzepp fejn qed jitlob sabiex isirlu Loading /Unloading Bay ta' nofs siegħa kuljum bejn is-2.30pm u 3.00pm. Is-Sindku qal li dan il-każ huwa ġustifikat minħabba il-fatt li minħabba is-CCTV camera dan qiegħed ta' kuljum jaqla' ċitazzjonijiet waqt li jkun qiegħed iħott.

Il-Membri qablu unanimament sabiex issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

4.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva sabiex il-Kunsill jibgħat bandiera tal-Kunsill Lokali l-Kanada sabiex b'hekk tkun esebita waqt dan il-festival annwali fil-Kanada magħruf bħala Carassauga.

Il-membri qablu unanimament,

## 5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 829 sa lment numru 842.

| | |
|---|---|
| 829 | Xogħol sar mill-Ħaddiema Assenjati |
| 830 | Grima & Sons Ltd |
| 831 | Ħaddiema Assenjati |
| 832 | Ninfurmaw lill-Pulizjia u LESA |
| 833 | Ħaddiema Assenjati |
| 834 | Inġibu aktar informazzjoni minn għand min għamel l-ilment |
| 835 | Tinħareġ WO lil Central Asphalt |
| 836 | Grima & Sons Ltd |
| 837 | Ħaddiema Assenjati |
| 838 | Ħaddiema Assenjati |
| 839 | Grima & Sons Ltd |
| 840 | Contract Manager |
| 841 | Transport Malta |
| 842 | WO lil Central Asphalt |

## 7. Ordnijiet tal-Ġurnata

**(a) Quarterly Report Ottubru2015 – Diċembru 2015**

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal il-Quarterly Report Oct – Dec 2015.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport ġie approvat

**(b) Financial Statements 2015**

Is-Sur Chris Farrugia ippreżenta u spjega fid-dettal il-Financial u l-Annual Report li jrid jiġi pprezentat sad-19 ta' Frar 2016.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport ġie approvat.

F'dan l-istadju 7.50 ta' filgħaxija l-Accountant ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

**(c) Tender: SVLC/T/07/2015 - Transport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn spjega li għat-tender tal-ġonna għad trid tkun aġġudikata minħabba li ser issir intervista mat-tenderers kollha hekk kif ġie deċiż waqt it-13 –il Laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Is-Sur Anastasi rrimarka li jixtieq jkun jaf fuq liema kriterji ser issir din l-intervista. Is-Sindku rrimarka li fuq deċiżjoni tal-bord tal-Aġġudikazzjoni ser issir intervista sabiex ikunu ċċarati xi punti li kien hemm fit-Tender. Barra minn hekk is-Sindku nforma lill-Membri li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni nnomina lis-Sur Silvio Vella bħala peress li jieħu ħsieb id-Dekasteru tal-Ambjent fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Huwa kompla billi qal lis-Sur Vella mhux ser ikollu jedd għall-vot.

Is-Sur Anastasi flimkien mas-Sur Carabott sabu oġġezzjoni minħabba l-fatt li għalihom qiegħed jitneħħa l-mertu u l-fiduċja tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Apparti minn hekk huma qalu li meta kien hemm tenders li jolqtu dekasteri oħra qatt ma ġew mistiedna Membri tal-Kunsill. Is-Sindku qal lis-Sur Vella ġie appuntat direttament mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni u għaldaqstant ma jarax għalfejn qed tonqos il-fiduċja f'dan il-Bord ġaladarba l-Membri tal-istess bord qed jirrakkomandaw sabiex jappuntaw lis-Sur Vella.

Is-Sur Anastasi staqsa kemm kienu fil-bord meta saret din il-Laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Is-Segretarju nforma lis-Sur Anastasi li kienu tlieta għaliex is-Sur Edwin Cassar kien skużat filwaqt lis-Sinjura Elizabeth Vella kienet assenti. Is-Sur Anastasi qal li f'ċirkustanzi bħal dawn kellhom ikunu nominati żewġ membri oħra. IS-Sindku qal li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni imwaqqaf mill-bidu nett ta' din il-leġislatura jiġifieri mill-2013 minn 5 membri. Il-lista ta l-ismijiet tal-Membri appuntati kienet ġiet

ikkomunikata lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u b'hekk wieħed ma jistax jibdel il-membri għax persuna tkun skużata jew assenti.

Fid-dawl ta' dan kollu is-Sindku ppropona sabiex is-Sur Vella jkun parti mill-Bord għall-intervista filwaqt lis-Sur Jason Mangni ssekonda din il-proposta.

Dan il-vot għadda hekk kif imsemmi hawn taħt:
3 Voti favur (Stephen Sultana, Jason Mangani u Silvio Vella)
2 Kontra ( Horace Anastasi u Darren Carabott)
Astensjoni waħda (Elizabeth Vella)

F'dan il-ħin is-Sur Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-Laqgħa. bi protesta.

**SVLC/T/05/2015 – Transport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani**

Għat-tender għat-Transport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani ntefgħu 2 tenders mingħand Richard Attard u Coop Services Ltd. Dawn iż-żewġ tenders kienu validi minħabba l-fatt li r-rekwiżiti mitluba mill-kunsill kienu annessi.

Wara li l–Bord tal-Aġġudikazzjoni analizza l-offerti mitfgħuha irriżulta li din it-Tender għandha tingħata lis-Sur Richard Attard ġaladarba kienet orħos minn dik ta' Coop Services Ltd.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament ma' din ir-rakomandazzjoni.

**8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati li ġew preżentati waqt il-50 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li s-Sur Charles Muscat, il-persuna li rebaħ Ġieħ Santa Venera 2015, għadu rikoverat l-isptar u għaldaqstant iħoss li l-Kunsill għandu jmur iżuru u fl-istess ħin issir il-preżentazzjoni tal-Ġieħ. Is-Sindku ppropona sabiex din iż-żjara ssir is-Sibt 20 ta' Frar 2016 fl-4.30pm.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li wasal iż-żmien sabiex jinxtraw erba' siġġijiet ġodda għall-ħaddiema minħabba li dawn m'għadhomx addattati. Is-Sindku qal li nġiebu tlett

kwotazzjonijiet differenti mingħand Art at Home jiswew €354, Atrium €410 u mingħand Smart Office Supplies €381. Is-Sindku ppropona li dan is-siġġijiet jinxtraw minghand l'Art at Home minħabba li huma l-orħos.

Is-Sur Darren Carabott ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

**9.3** Is-Sindku qal li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jibda il-proġett li kien ġie approvat waqt laqgħa preċedenti dak ta Triq Qormi minn ħdejn Giovan Hardware Stores sa Triq il-Kanun. Liema proġett jinkludi wkoll Traffic Management ġdid.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9.4** Is-Sindku nforma lill-membri li hu tal-fehma li fi Triq Misraħ il-Barrieri, fit-Triq tal-Lidl,għandhom isir tabelli li jindikaw

***RESPECT PARKING OF NEIBOURHOOD – DO NOT OBSTRUCT GARAGES ENTRANCES***

bil-Logo tal-Kunsill sabiex jonqos l-inkonvenjent li qed ta' kuljum qed jaffaċjaw ir-residenti.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9.5** Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-approvazzjoni ta' TM rigward it-traffic Management fi Triq il-Madonna tal-Karmnu.

**9.6** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Farrugia talab in-*No Objection* tal-Kunsill għal *Pigeon loft* fi Triq tal-Ferrovija (*Block D Flat 6*). Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tintbagħat email lil *Housing Authority* sabiex tiġi konfermata jekk hiex legali jew le. Oltre wara għandha tintalab ukoll *No Objection* mir-residenti tal-blokkok tal-viċinanzi.

**9.7** Is-Sindku ressaq talba għal *Reserved Bay* fi Triq il-Brunżar għal familja lit-tifel tagħhom sofra minn inċident tat-traffiku. Kien hemm qbil sabiex issir applikazzjoni ma TM għal waħda temporanja.

**9.8** Is-Sindku nforma lill-membri li fil-laqgħa li jmiss ser ikunu diskussi dawn l-attivitajiet:

- Sports Day
- Clean Up Day
- Tberik tal-Annimali.

- 400 sena mill-Bini tal-Akkwadott

Is-Sindku nforma lill-membri sabiex fil-laqgħa li jmiss ilaqqgħu s-sotto kumitati rispettivi tagħhom

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 14/03/2016

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt